**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2020**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Gur. Nru. 428/2013 JZM**

**Anvil Limited (C-2524)**

***kontra***

**Ta` Giorni Limited (C-44235) ;**
**Dhalia Investments Limited (C-1604)**

**Dr Dorianne Vella LL.D u l-PL Quentin Tanti li b`digriet tas-27 ta` Mejju, 2013 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Ahmet Ertugrul ID 145699M, u b`digriet tad-9 ta` Ottubru 2013 assuma l-atti Dunstan Williams u gew estromessi l-Kuraturi Deputati**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat li kien ipprezentat fis-6 ta` Mejju 2013 li jaqra hekk :-

*Illi fil-15 ta` Dicembru 2008 Anvil Limited tat zewg stimi bil-pied ghall-manifattura ta` xoghol ta` hadid bit-twahhil b`kollox lil Dhalia Group annessi u mmarkati Dok A u B ;*

*Illi fis-17 ta` Dicembru 2008 giet iffirmata skrittura privata bejn minn naha l-wahda Christopher Grech in rapprezentanza ta` Dhalia Investments Limited, u min-naha l-ohra l-konvenut Ahmet Ertugrul, bhala direttur u in rappresentanza tal-esponenti Anvil Limited, fejn gie miftiehem li Anvil Limited kellha tesegwixxi x-xogholijiet fi progett fix-Xemxija kif deskritti fid-dokument anness u mmarkat Dok C ;*

*Illi barra minn hekk permezz tal-istess skrittura privata, bi pregudizzju ghas-socjeta` esponenti, il-konvenut Ahmet Ertugrul awtorizza lill-konvenuta Dhalia Investments Limited li accettat sabiex tghaddi parti mill-prezz tax-xogholijiet f`idejn is-socjeta` Ra` Giorni Limited bhala depozitu u parti mill-prezz ta` xiri ta` appartament minn Ahmet Ertugrul ;*

*Illi fil-fatt ghal dan il-ghan fl-ahhar mal-imsemmija skrittura privata gie ddikjarat li Ahmet Ertugrul kien qieghed jidher fil-vesti tieghu personali filwaqt li Christopher Grech in rappresentanza ta` Ta` Giorni Limited, kif debitament awtorizzat li accettaw il-kundizzjonijiet tal-istess skrittura privata*

*Illi fl-istess gurnata gie ffirmat il-konvenju anness u mmarkat Dok D ghall-bejgh u xiri tal-appartament bin-numru 11, Triq Andre` Maurois kantuniera ma` Triq Albert Meyer, San Giljan, bil-flus tas-socjeta` esponenti ;*

*Illi skont komunikazzjoni permezz ta` email annessa u mmarkata Dok E bejn Adrian Grech bhala accountant ta` Dhalia Investment Services Limited u tas-Socjeta` rikorrenti Anvil Limited, il-prezz tax-xoghlijiet li kienu saru minn Anvil Limited gew ikkalkulati ta` valur ta` €62,099.84 ;*

*Illi skont ircevuti annessi u mmarkati Dok F u G mahruga mis-socjeta` intimata Ta` Giorni Limited fl-20 ta` Frar 2009 u fil-11 ta` Ottubru 2010 hija rceviet is-somom ta` €15,118.30 u €27,500 rispettivament minghand is-socjeta` intimata Dhalia Investments Limited rappresentanti 1% tal-ispejjez ta` registrazzjoni tal-konvenju msemmi aktar `l fuq u l-kumplament depositu akkont tal-prezz fuq il-bejgh tal-appartament f`San Giljan ;*

*Illi dawn il-flus huma flus ta` Anvil Limited u l-intimata socjeta` Dhalia Investments Limited ma kellha l-ebda dritt taghti dawn il-flus lis-socjeta` intimata Ta` Giorni Limited jekk mhux biex tikkrea pregudizzju ghar-rikorrenti ;*

*Illi ghalhekk il-konvenju li gie ffirmat huwa karpit b`consilium fraudis u kellha ssir din il-kawza ;*

*Ghaldaqstant ighidu l-konvenuti jew min minnhom ghar-ragunijiet premessi `il ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :-*

*1) Tiddikjara li l-konvenju datat sbatax (17) ta` Dicembru 2008 huwa vizzjat bi frodi a detriment tal-rikorrenti u konsegwentement null u bla effett fil-ligi.*

*2) Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi konvenju huwa null u bla ebda effett legali u tordna r-rexissjoni, it-thassir u l-annullament tieghu.*

*3) Tinnomina, occorrendo Nutar sabiex jigi ppubblikat kuntratt ta` rexissjoni tal-imsemmi konvenju datat sbatax (17) ta` Dicembru 2008 fil-gurnata, hin u lok li joghgobha tiffissa din il-Qorti u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.*

*4) Tiddikjara li l-flus li l-konvenuta socjeta` Dhalia Investments Limited ghaddiet lill-konvenuta socjeta` Ta` Giorni Limited huma flus tas-socjeta` rikorrenti Anvil Limited.*

*5) Konsegwentement tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom jghaddu s-somom ta` €15,118.30 u €27,500 lis-socjeta` rikorrenti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Ta` Giorni Limited u Dhalia Investments Limited li kienet prezentata fid-<u>9 ta` Awwissu 2013</u> li taqra hekk :–

*Illi preliminarjament l-azzjoni rikorrenti hija kolpita bil-preskrizzjoni ta` sentejn in kwantu hija azzjoni ta` rexissjoni ta` kuntratt a tenur tal-Artikoli 1222 u 1223 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenju tas-sbatax (17) ta` Dicembru 2008 ma huwa indizzjat bl-ebda provi a detriment tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement huwa validu ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Illi s-socjetajiet Ta` Giorni Limited (C-44235) u Dhalia Investments Limited (C-1604) adempixxew l-obbligi taghhom kollha a tenur tal-istess konvenju kif ukoll hallsu lis-socjeta` rikorrenti kwalsiasi addebitu versu s-socjeta` rikorrenti a tenur tal-istess konvenju kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata prezentata minn Dunstan Williams noe fit-28 ta` Ottubru 2013 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament, l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti hija preskritta bit-trapass ta` sentejn in kwantu hija azzjoni ta` rexissjoni ta` kuntratt a tenur tal-Artikolu 1222 u 1223 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi, subordinament minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-konvenju datat sbatax (17) ta` Dicembru 2008 huwa null u bla ebda effetti legali stante li dan il-konvenju ma kienx irregistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi kif jippreskrivi tassativament l-Artikolu 3(6) tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti nomine jiddikjara u jikkonferma li l-ammonti reklamati fir-rikors tas-socjeta` Anvil Limited huma fil-fatt ammonti certi, likwidi u dovuti lill-esponenti nomine mis-socjeta` Ta` Giorni Limited kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza. Fil-fatt dawn l-istess ammonti, u cioe, Euro 42,618.30 (Ewro tnejn u erbghin elf sitt mija u tmintax u tletin Ewro centezmu) qeghdin jigu mitluba mill-esponenti nomine permezz ta` kontro-talba li l-istess ghamel f`kawza ta` infurzar ta` konvenju (Citazz. Nru 85/2011 MC) promossa mis-socjeta` Ta` Giorni Limited quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta.*

*4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim privat ta` appalt ma` Dhalia Investments Limited kien gie awtorizzat permezz ta` Board Resolution tad-diretturi ta` Anvil Limited datata 22 ta` Dicembru 2008 (Kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok "A") u ai termini ta` klawsola 5 ta` ftehim maghruf bhala "Anvil Ltd, Anvil Décor Ltd, Co-operation Agreement" bejn Anvil Limited u Anvil Décor Limited, kwalunkwe xoghol kellu jigi ezegwit minn Anvil Décor Limited u/jew l-impjegati ta` Anvil Décor Limited u mhallas lill-istess;*

*5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tabiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta` dan il-kaz.*

*6. Illi ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, u r-rikorrenti hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

**Rat is-sentenza parzjali li tat fit-22 ta` Marzu 2016 fejn, filwaqt illi cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Ta` Giorni Limited u Dhalia Investments Limited, u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Dunstan Williams noe, bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ordnat il-prosegwiment tal-kawza.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza, inkluza r-relazzjoni tal-espert kalligrafu.

Rat illi l-l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu prezentati.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

### 1. <u>Xiehda</u>

#### a) <u>Dunstan Williams</u>

Xehed illi hu, Ahmet Ertugrul u Zahfer Ulusoy ghamlu negozju bi shab sabiex jimmanifatturaw xoghol ta` hadid. Ghamlu ftehim mas-socjeta` attrici ("**<u>Anvil</u>**"), li dak iz-zmien kienet tikri *workshop* Hut 7, Corradino Heights, Rahal Gdid, sabiex jibdew joperaw minn hemm. Skont il-ftehim (li kien verbali) huma kellhom ihallsu lil Charles Palmier

(is-sid beneficjarju ta` Anvil) is-somma ta` Lm 10 kuljum. Palmier tahom struzzjonijiet sabiex kwalunkwe xoghol li jaghmlu jsir fl-isem ta` Anvil halli din tkun tista` turi li qeghda taghmel uzu mill-*workshop* u b`hekk tiskansa x-xoljiment tal-kirja. Palmier ma kellux sehem mill-profitti jew mit-telf li jaghmlu huma, ghalkemm gieli talbu parir minghandu minhabba l-esperjenza tieghu fil-qasam.

Kompla xehed illi n-negozju bi shab dahal fis-sehh f`Mejju 2008. Matul dik is-sena, saru diversi xogholijiet ta` *ferrobattuto* ghal klijenti fosthom xoghol ghall-Parrocca ta` Rahal Gdid. B`effett mit-22 ta` Lulju 2008, Ahmet Ertugrul u hu kienu appuntati diretturi ta` Anvil sabiex ikunu jistghu jiggestixxu n-negozju ahjar.

Stqarr illi wara negozjati ma` rapprezentanti tal-konvenuta Dhalia Investments Limited ("**Dhalia**") huma kienu ngaggati sabiex jaghmlu xoghol ta` *ferrobattuto* fi block ta` appartamenti li Dhalia kienet qeghda tibni fix-Xemxija. Fis-17 ta` Dicembru 2008 Ertugrul ghal Anvil ghamel kuntratt ta` appalt ma` Dhalia. Fuq il-kuntratt dehru wkoll Ertugrul f`ismu personali u Chris Grech ghal Ta` Giorni Limited li irrikonoxxew u accettaw il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

Kompla jixhed illi dakinhar stess tas-17 ta` Dicembru 2008 Chris Grech ghal Ta` Giorni Limited bhala venditur u Ahmet Ertugrul f`ismu personali bhala xerrej ghamlu konvenju li permezz tieghu Ta` Giorni Limited obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi lil Ertugrul li min-naha tieghu obbliga ruhu li jixtri u jakkwista appartament nru 11 fl-ewwel sular tal-izvilupp maghruf bhala "Ta` Giorni Corner Site" fi Triq Andre` Maurois, kantuniera ma` Triq Albert Meyer, San Giljan.

Qal illi fit-23 ta` Dicembru 2008, it-tlett diretturi ta` Anvil u cioe` hu, Ertugrul u Charles Palmier iffirmaw *board resolution* fejn kien approvat il-kuntratt ta` appalt li kien iffirmat fis-17 ta` Dicembru 2008.

Stqarr illi x-xoghol ghal Dhalia beda jinhadem ghal habta ta` Marzu 2009, u tlesta f`Settembru ta` dik is-sena.

Qal illi fl-14 ta` Frar 2009, hu flimkien ma` Ahmet Ertgurul u Zhafer Ulusoy iffurmaw kumpannija bl-isem Anvil Décor Limited (C

46231) ["**Anvil Décor**"] u rriducew ghall-kitba fil-forma ta\` "*co-operation agreement*" il-ftehim verbali li kellhom ma\` Anvil u ma\` Charles Palmier.

Ftehmu illi jikkoperaw "*in sales, marketing, manufacture, installation and distribution of sheet metal works, ferro-battuto works, aluminium and related turkney works."* Skont il-klawsola 13 ta\` dan il-ftehim, Anvil kellha tircievi "*a professional fee of Eur 163 per week for the marketing efforts, irrespective of the sales orders or deals closed."*

Dan kien l-uniku introjtu li kellha tircievi Anvil.

Xehed illi in segwitu nqala\` dizgwid bejn il-partijiet billi Anvil harget fattura bin-numru 267/2011 datata 30 ta\` Gunju 2011 fejn talbet il-hlas ta\` €17,630 izda mkien ma semmiet li kellha tiehu xi flus ohra minn xogholijiet li kienu saru ai termini tal-*cooperation agreement* bejn Anvil u Anvil Décor.

Qal illi wara li tlesta ix-xoghol fil-blokk appartamenti ta\` Dhalia fix-Xemxija, Adrian Grech, l-*accountant* ta\` Dhalia, baghat *email* lil Anvil, Dunstan Williams, Zahfer Ulusory u Ahmet Ertugrul fejn ghamel riferenza ghar-rapport tas-*surveyor* datat 17 ta\` Frar 2010 li kien stima l-valur tax-xoghol fl-ammont ta\` €62,099.84. Fl-istess *email* huma gew infurmati li Dhalia kienet hallset €1,375 bhala 1% *registration fees* fuq il-konvenju flimkien ma\` zewg pagamenti ohra, wiehed ta\` €13,743.30 u iehor ta\` €27,500, ai termini tal-konvenju tas-17 ta\` Dicembru 2008. Ghalhekk kien fadal x\`jithallas bilanc ta\` €19,481.54c.

Xehed illi fl-4 ta\` Marzu 2010 Anvil accettat il-fatti kollha tan-negozju li kien sar ma\` Dhalia.

Fit-18 ta\` Dicembru 2010, Anvil ressqet il-pretensjonijiet taghha kontra Dhalia u Ta\` Giorni Limited permezz ta\` mandat ta\` inibizzjoni fejn intalab li Dhalia tkun inibita milli thallas lil Ta\` Giorni Limited l-ammont ta\` €42,142.70c. It-talba ta\` Anvil ghall-hrug tal-mandat kienet michuda.

Kompla jghid illi qabel it-30 ta` Gunju 2011 u cioe` d-data tal-fattura li harget Anvil lil Anvil Décor, Anvil qatt ma ressqet xi pretensjonijiet kontra Anvil Décor in konnessjoni ma` xoghol li allegetament sar minghajr il-kunsens jew bil-mohbi taghha.

Fil-fatt Anvil kienet taf bin-negozju li kien sar ma` Dhalia tant li d-diretturi ta` Anvil kienu ffirmaw il-*board resolution* sabiex jirrattifikaw dak in-negozju.

Fisser illi b`ittra ufficjali tal-21 ta` Dicembru 2010, Charles Palmier ghal Anvil interpella lil Anvil Décor sabiex thallas is-somma ta` €6,621 ghal servizzi u kontijiet ohra pendenti, inkluzi dawk tad-dawl, ilma u telefon skont il-ftehim ta` bejn Anvil u Anvil Décor Limited tas-16 ta` Frar 2009. Palmier ma ressaq l-ebda pretensjoni dwar flus ghal xogholijiet li kienu saru ghal Dhalia fl-2009.

Stqarr illi n-negozju kontemplat fil-konvenju tas-17 ta` Dicembru 2008 baqa` ma sarx u Ahmet Ertugrul pprezenta kontrotalba fl-atti tar-rikors nru 85/2011 MC sabiex jigu rifuzi lilu l-flus li hallset Dhalia lil Ta` Giorni Limited abbazi tal-konvenju. Ftit qabel giet ipprezentata r-risposta guramentata fl-istess kawza, hu u Ahmet Ertugrul sabu li l-konvenju tas-17 ta` Dicembru 2008 ma kienx gie registrat fiz-zmien stabbilit mil-ligi u ghalhekk il-konvenju ma kienx validu.

Wara li ghamel referenza ghal Dok DW1 sa DW7, stqarr illi ghalkemm jaf li kienu dovuti favur Anvil hlasijiet ghal kera, dawl u ilma, Anvil ma kellha tithallas xejn mill-appalt li sar ma` Dhalia.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehed illi huwa ma kienx jaf is-sengha tal-ferrobattuto, imma biss x-xoghol dekorattiv. Kien Charles Palmier li wrieh kif jinhadmu l-magni, u certi affarijiet bazici li jghid li diga` kien jafhom. Qabel iltaqa ma` Palmier, kellu supermarket, imma ma kienx jaghmel xoghol ta` ferrobattuto ghan-nies. Mistoqsi fejn tghallem s-sengha, xehed li fil-verita` jekk wiehed ikun jaf jiwweldja ikun jaf xi jrid jaghmel. Huwa tghallem t-technical drawing.

Mistoqsi mill-qorti kemm ghadda zmien minn meta hadu s-sit minghand Anvil sa meta harget l-ewwel bicca xoghol, wiegeb illi wara li hadu l-post baqghu wieqfin ghal sitt gimghat. Ghamlu refurbishment

tal-ufficcju, naddfu l-post u organizzawh ftit. In segwitu Palmier gab gallarija u arkata ; u hadimhom hu. Ghalkemm kien partner, Ertugrul ghalkemm kien jassistih fix-xoghol.

Mistoqsi dwar in-negozjati ma` Dhalia, xehed li dawn bdew qabel Dicembru 2008 u saru minn Ahmet Ertugrul.

Fisser illi Ertugrul ried jixtri appartament, tkellem ma` Dhalia u jaf li kienu ftehmu dwar xoghol bi tpartit. Hu ma kienx prezenti waqt dawn in-negozjati ; lanqas Charles Palmier. Meta kien se jsir il-ftehim, Ertugrul cempillu biex jiehu hsieb hu. Ertugrul kien ser jixtri appartament u li kien se jaghmel xoghol ta` tpartit. Meta mbaghad qal lil Ertugrul li kellhom bzonn il-kapital (u l-istess qallu Palmier), Ertugrul qal li kien se johrog il-kapital hu.

Xehed illi Palmier kien jaf sa minn qabel kien iffirmat il-kuntratt ma` Dhalia li huma kienu sejrin jaghmlu x-xoghol. Il-prezzijiet li kienu miftehma ma` Dhalia saru minn Zafer u minn Ertugrul.

Stqarr illi Palmier ma kienx prezenti meta sar il-ftehim ma` Dhalia.

Il-ftehim ma kienx jinvolvi lil Anvil.

Mistoqsi dwar li Palmier qed jinnega li ffirma r-risoluzzjoni, stqarr illi hu jiftakar li dahal fl-ufficcju biex jiffirma r-risoluzzjoni. Palmier kien prezenti. Kien hemm ukoll Ertugrul u Zafier. Jishaq li hu ffirma u hareg. Lil Palmier ma rax jiffirma.

Muri email a fol 13 tal-process, accetta l-figuri hemm riportati.

Qal li ma jafx jekk Dhalia kienux hallsu. Quddiemu ma ghaddewx flus.

Mistoqsi jekk kenitx thallset il-figura li tidher bhala "*balance due*" wiegeb illi l-ammont kien ta` €19,481.44, ghalkemm fil-verita` kien aktar ghaliex kienu hargu zewg cheques, wiehed ta` €10,000 u iehor

ta` €12,000. Kienu *post-dated* u gabarhom Zafier mill-ufficcju ta` Dhalia. Huwa avza lil Palmier li Dhalia kienet hallset.

Kompla jixhed illi huwa ma rax dawn ic-cheques. Ghalhekk cahad li ha wiehed minnhom. Milli jaf kienu depozitati fil-kont ta` Anvil Décor Limited ("**Anvil Décor**"). Qal illi ma jafx minn kiteb l-kelma *Décor* fuq dawk ic-cheques. Mistoqsi jekk kienx staqsa ghaliex ghalkemm ic-cheques kienu hargu fuq Anvil spiccaw depozitat f`kont ta` Anvil Décor, huwa wiegeb li meta staqsa lil Zafir dan qallu li kien irranga ma` Charles Palmier fis-sens illi Zafier kien qallu li kien ftiehem ma` Palmier sabiex id-depozitu jsir ghand Anvil Décor. Mistoqsi mill-qorti lil min kien dovut l-import tac-cheques, wiegeb illi l-flus kienu dovuti lil Anvil Décor u mhux lil Anvil. Mistoqsi mill-qorti wiegeb illi Dhalia kellhiex relazzjoni ma` Anvil Décor ghaliex ir-relazzjoni ta` Dhalia kienet ma` Ahmet Ertugrul u ma` Anvil. Ghalhekk meta c-cheque hareg fuq Anvil, ic-cheque hareg tajjeb.

Dwar il-laqghat li saru ma` Dr Kevan Azzopardi u Palmier, xehed li dawn kienu jirrigwardaw is-€6,000 li kellu jiehu Palmier. Jiftakar ighid lil Palmier li anke huwa kellu jiehu bil-wisq aktar.

Dwar ic-cheques ta` €10,000 u €12,000 xehed li l-flus ma kienux ghadhom fil-kont ta` Anvil Décor. Qal li ma jafx min gibidhom u fejn marru l-flus. Jaf li Ertugrul kien qallu li kien ghamel trasferiment ta` €10,000 f`ismu ghaliex hu kien hareg hafna flus minn tieghu.

Sahaq li maq kienx hu li zied il-kelma "*Décor*" fuq ic-cheques. Kull ma jaf huwa li kien Zafier li gabar c-cheques u hu kien iddepozitahom.

Mistoqsi sabiex jipprezenta l-memorandum u l-articles of association ta` Anvil Décor, kif ukoll -accounts ghas-snin 2008 u 2010, wiegeb li ma kellux dawk id-dokumenti u lanqas kellu access ghalihom. Bejn l-2008 u l-2010 kien direttur kemm ta` Anvil Décor kif ukoll ta` Anvil. Irrizenja ninn direttur jew fl-2010 jew l-2011.

**Adrian Grech** (Kontrollur Finanzjarju tas-socjetajiet konvenuti) xehed illi huwa kien involut fin-negozju mertu ta` din il-kawza. Qal illi Ta` Giorni Limited u Dhalia ma rcevewx ittra legali jew ufficjali. Mill-

verifiki li ghamel huwa stess, l-uniku att gudizzjarju li rcevew kien ir-rikors guramentat. Kien mitlub jipprezenta l-original tar-rizoluzzjoni li ha l-bord tad-diretturi ta` Anvil fl-2008. Ighid li dan id-dokument ma kienx fil-file taghhom, u huwa qatt ma ra din ir-risoluzzjoni.

Kompla jixhed illi Dhalia kienet tehtieg xoghol ta` manifattura ta` hadid minghand Anvil. L-appalt kellu jithallas in parti bi tpartit ma` appartament, proprjeta` ta` Ta` Giorni Ltd. Huma hadu *quotations* minghand Anvil u kien iffirmat kuntratt li kien jikkomprendi l-ghazla tal-appartament. Anvil kienet rapprezentata minn Dunstan Williams u Ahmet Ertugrul. Huwa tkellem ma` Charles Palmier wara li nqala` l-inkwiet.

Stqarr illi skont il-ftehim, Ta` Giorni Limited kellha tbiegh lil Ertugrul u kienu ndikati l-modalitajiet ta` pagament. Dhalia kellha thallas lil Ta` Giorni Limited ghall-appartament. Dhalia kellha thallas lil Anvil tax-xoghol u hekk ghamlet. Iz-zewg cheques hargu favur Anvil u ssarrfu.

Kompla stqarr illi jidher li xi hadd zied wara *Anvil*, il-kelma *Décor*. Il-kalligrafija mizjuda ma kenitx tieghu. Iz-zewg cheques issarrfu u dahhlu go kont bankarju. Huwa sar jaf bis-socjeta` Anvil Décor Limited meta talab kopja tac-cheques lill-bank. Id-direttur ta` Anvil Décor Limited huwa Dunstan Williams. Din is-socjeta` m`ghandha x`taqsam xejn ma` Anvil Ltd. Dhalia dejjem ittrattat ma` Anvil Ltd.

Kompla xehed illi saret laqgha ma` l-avukat ta` Palmier, prezenti l-avukat ta` Dhalia. Kienu murija l-kopji tac-cheques. Ikkonferma li Dhalia hallset lil Ta` Giorni Ltd ghax dak kien parti mill-ftehim. L-appalt kien ezegwit u Dhalia qaghdet mal-obbligi taghha. Meta Dhalia hallset hija ghamlet hekk favur Anvil Limited.

Xehed illi kien Dunstan Williams li nsista li johorgu c-cheques : cheque minnhom tah lil Williams filwaqt li c-cheque l-iehortah lil Zahfer Ulusoy. Meta hareg ic-cheques, ma kienx jaf bl-ezistenza ta` Anvil Décor Limited. Kien zmien wara li sar jaf minghand Charles Palmier li ma kienx ircieva l-pagament.

Kompla jixhed illi l-appalt u l-konvenju saru fl-istess hin. Ghad illi l-konvenju sar ma` Ertugrul personalment, il-pagament xorta kien jirrigwarda hlas tal-appalt ma` Anvil.

Stqarr illi flus li kellhom jithallsu lil Anvil kienu nvestiti fl-appartament li kien qed jinxtara skont il-konvenju.

Meta ltaqa` ma` Charles Palmier, dan ma kienx jaf bil-ftehim dwar l-appartament.

Qal li ma jiftakarx jekk ic-cheques kinux *post dated.*

Meta tkellem ma` Palmier, kien diskuss il-bilanc ta` pagamenti. Palmier ma qallu xejn dwar kemm kellu jiehu hu. Palmier dejjem tkellem dwar dak li kien dovut lil Anvil Limited.

Ikkonferma li huwa baghat l-email a fol 13 tal-process.

Ikkonferma wkoll li l-istimi a fol 5 u 6 huma ffirmati mid-direttur Christopher Grech.

Billi l-appalt kien ezegwit ghas-sodisfazzjon taghhom, sar parti mill-hlas permezz ta` cheque li hareg favur Anvil Limited.

Kompla jixhed illi Charles Palmier kellimhom li kien ghad kellu jithallas xi flus. Min-naha tieghu qallu li kien thallas kollox. Palmier talab li jara c-cheques li bihom sar il-hlas u nduna li kienet zdiedet il-kelma "*Décor*" fl-isem tal-*payee*.

Ikkonferma li l-appalt sar ma` Anvil Limited.

Dwar it-trasferiment tal-proprjeta`, xehed illi dan ma sarx favur Anvil Limited ghaliex il-konvenju sar ma` Ertugrul de proprio mhux mal-kumpannija. It-trasferiment tal-proprjeta sar lil Ertugul ghaliex meta saru r-ricerki rrizulta li hu kien direttur tal-kumpannija dak iz-

zmien. Ghall-kuntratt deher Ertugrul wahdu.  Saru jafu b`Palmier hafna zmien wara.

Xhed illi jiftakar li hu kien ikkonsenja c-cheques lil persuna b`nazzjonalita` Torka, jismu Zafer, mhux Ertugrul.

Mistoqsi jekk Dunstan Williams kienx jaf bic-cheques, fisser illi fil-fatt kien ikun hu li kien icempel biex isir l-pagament.

Ikkonferma li l-kuntratt finali tat-trasferiment tal-appartament baqa` ma sarx ghaliex harget fil-berah il-problema ta` Palmier mal-persuni l-ohra li ssemmew fosthom Ertugrul.  Fil-fatt il-konvenju skada.

Qal illi huwa fatt accettat li ghad hemm bilanc mill-appalt xi jithallas pero` minhabba d-diffikultajiet interni ghal Anvil ghadu mhux maghruf min ghandu jithallas.

Fil-**kontroezami**, meta mistoqsi f`liema stadju tfaccja Charles Palmier, xehed illi dan dahal fi stadju avvanzat meta cempel l-ufficcju taghhom u qalilhom li kien hemm hlasijiet li ma kienux saru. Sa dak il-hin, lanqas biss kienu jaf min kien Palmier.  Ghalhekk saret laqgha mieghu.  Qalilhom li kien direttur ta` Anvil u huma qalu lilu li l-kuntatti taghhom kienu Williams u zewg persuni ohra mit-Turkija.  Urewh il-hlasijiet li kienu saru u Palmier qalilhom li ma kienx jaf bihom. Ghalhekk ghamlu l-verifiki taghhom u sabu li fic-cheques li kienu hargu huma zdiedet l-kelma *Décor* wara l-kelma *Anvil.*  Ghal-laqgha kienu prezenti wkoll Williams u l-avukat ta` Palmier. Qal illi Palmier wasal ma` Williams.  Mill-mod kif tkellem, Williams kien jidher li kien hassu tradut mill-barranin.  Waqt il-laqgha ssemma li kien Williams li avza lil Palmier b`li kien gara.  Ikkonferma li qabel il-laqgha Palmier ma kienx jaf bl-appalt u l-penali.

Kompla jixhed illi huwa qatt ma ra l-*board resolution.*  Meta sar il-konvenju, huwa ma kienx prezenti ghaliex deher Chris Grech.  Jaf li n-Nutar kien talab il-*board resolution.*  Fil-file ma kienx hemm kopja taghha.

Mistoqsi mill-qorti jekk meta jkunu qed jittrattaw ma` kumpannija jitolbux prova li l-persuna li tkun qeghda tidher ghandhiex is-setgha li taghmel dan, wiegeb illi n-Nutar bhala regola jaghmel verifiki ta` dik ix-xorta imma mhux dak il-hin.

Mistoqsi jekk kienx ghad hemm pendenzi ma` Anvil, stqarr li kien ghad fadal bilanc imma minhabba li kien hemm l-penali, il-kont finali qatt ma kien prezentat. Ix-xoghol tlesta tard. Huma hallsu biss parti mill-appalt ghaliex il-penali baqghet ma kenitx ikkalkolata.

Ikkonferma li l-bejgh lil Ertugrul baqa` ma sarx, li l-konvenju waqa`u li l-fond mertu tal-konvenju inbiegh lil terzi.

**<u>Chris Grech</u>** – direttur tas-socjetajiet konvenuti – ikkonferma x-xiehda ta` Adrian Grech.

**<u>Charles Palmier</u>** xehed illi huwa d-direttur manigerjali ta` s-socjeta` attrici, is-sid beneficjarju taghha, kif ukoll chairman tal-bord tad-diretturi. Qal illi Anvil taghmel xoghol tal-hadid. Kien ilu nvolut fis-socjeta` minn mindu kellu 25 sena. Ighid illi fl-eta` ta` 22 sena kellu incident izda kompla bix-xoghol fil-kumpannija tant illi bena klijentela kbira u reputazzjoni tajba.

Stqarr illi fis-snin ricenti, it-tifel tieghu waqaf jahdem mas-socjeta`. Kien jiehu hsieb imur fuq il-lant tax-xoghol u jaccerta ruhu li x-xoghol ikun qed isir. Kellu bhala klijenti lil Dunstan Williams, Ahmet Ertugrul maghruf bhala Adam, u Zahfer Ulusoy maghruf bhala Victor. Dawn saru jafu bil-problema li kellu u kkonvincewh sabiex jaghmlu ftehim bejniethom fejn huma jaghmlu xi xoghol mas-socjeta` tieghu. Inkarika lil Dr Charles Attard biex ihejji ftehim bil-miktub dwar kif kienu ser jimxi l-arrangament. Williams, Ertugrul u Ulusoy iffurmaw kumpannija bejniethom bl-isem ta` Anvil Décor Limited u b`hekk sar ftehim bejn iz-zewg socjetajiet. Anvil Décor Limited qatt ma kellha access ghall-kontijiet bankarji ta` Anvil Limited.

Kompla jixhed illi z-zewg kumpanniji suppost kellhom jimxu id f`id. Anvil kienet tohrog l-istimi tax-xoghol, taghmel ix-xoghol, u tircievi l-hlas. Mill-hlas kellhom jinqatghu l-ispejjez kollha inkluz dak dovut lilu personalment u l-bilanc kien jghaddi ghand Anvil Décor. Dan il-ftehim ma kien onorat ghaliex minkejja li bdew jinhargu stimi ghan-

nom ta` Anvil, il-hlas kien qed jintalab fi flus kontanti u ghalhekk dak li kien dovut lil Anvil u lilu kien qieghed jigi injorat.

Qal illi fil-15 ta` Dicembru 2008 Anvil tat lil Dhalia zewg stimi bil-pied ghall-manifattura ta` xoghol ta` hadid bit-twahhil b` kollox. Kien iffirmat kuntratt bejn Anvil u Dhalia fis-17 ta` Dicembru 2008. Huwa ma kien jaf xejn b`dan il-kuntratt hlief li kien intalab imur fuq il-post biex juri kif kellu jsir xi xoghol stante li Ertugrul ma kienx kapaci jaghmlu. Ma kienx jaf li Ertugrul kien iffirma konvenju ma` Ta` Giorni Limited u uza l-flus ta` Anvil bhala depozitu. Zmien wara, Dunstan Williams mar id-dar tieghu, u qallu li Ertugrul u Zahfer kellhom jaghtuh aktar minn €120,000 u li kienu qed jaghmel frodi ghad-dannu ta` Anvil. Kellem lill-avukat tieghu u dan hejja laqgha fl-ufficju ta` Dhalia. Fil-laqgha, Dunstan Williams spjega x` kien qed jigri u Chris Grech wieghed li ser ihallas dak kollu dovut lil Anvil. Fil-laqgha Williams spjega illi Ertugrul ha depozitu ta` €40,000 mill-flus ta` Anvil u uzahom biex jaghmel depozitu fuq proprjeta` li kien ser jixtri f` ismu. Chris Grech kien jaf b`dan peress li fuq skrittura minnhom huwa deher ghan-nom ta` Dhalia u fuq skrittura ohra deher ghan-nom ta` Ta` Giorni Limited. Huwa insista li dwar l-arrangament li ghamel Ertugrul ma` Ta` Giorni Limited huwa ma kien jaf b` xejn u dak li sar, sar kollu minn wara dahru. Huwa kompla jinsisti li qatt ma ta l-kunsens tieghu ghal dan l-arrangament.

Kompla xehed illi huwa ma jaf xejn dwar il-fotokopja tad-dokument li kien esebit dwar il-*general meeting* tal-kumpannija li jgib id-data tat-22 ta` Dicembru 2008. Anzi nsista li mhuwiex veru li sar dak il-*meeting.* Lanqas iffirma dak id-dokument. Jekk jezisti dokument, dak huwa falsifikat. Lanqas huwa veru li ma kienx ipprezenta ittra ufficjali kontra Ta` Giorni u lil Dhalia. Fil-fatt ipprezenta ittra ufficjali fil-15 ta` Dicembru 2010. Inoltre t-tnejn kienu notifikati b` rikors sabiex Anvil tintervjeni fil-kawza bin-numru 85/2011 fl-ismijiet "Ta` Giorni Limited vs kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Ahmet Ertugrul". Iz-zewg kumpanniji kienu notifikati wkoll b`ittra ufficjali ohra fit-2 ta` April 2013.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Charles Palmier xehed illi l-kuntratt li sar ma` Williams, Ertugrul u Ulusoy huwa *self explanatory*. Il-kuntratt ezebit bhala Dok LG1 ta`Frar 2009 ma kienx iffirmat minn Dunstan Williams. Qal illi ma jahsibx li kien sar xi xoghol qabel il-ftehim ta` Frar 2009. Sostna li ma kienx hemm "*a cooperation agreement*" u li l-kuntatti li kien hemm qabel Frar 2009 kienu "*on a client basis*" u mhux "*on a commercial basis*". Fuq insistenza taghhom, Williams u Ertugrul kienu

saru diretturi ta` Anvil skont ma jirrizulta fid-Dok LG2. Meta saru diretturi, bdew jahdmu. Qabel Frar 2009, ghamlu xi xoghol biex jaraw kif kienu ser jahdmu fosthom il-hadid tal-Knisja ta` Rahal il-Gdid.

Sostna li d-dokumentazzjoni tal-kumpannija kienet tinzamm fl-ufficcju tieghu u li ghalkemm kien dahal xi ilma, l-ebda dokument ma kien iddanneggjat. Qal illi l-ftehim ta` bejniethom kien illi jahdmu flimkien. Kien Williams li fetahlu ghajnejh dwar dak li kien qed jigri. Infatti kien Williams li avzah li kienu hadu zewg cheques minghand Dhalia. Kienu mahruga f`isem Anvil izda in segwitu zdiedet il-kelma *Décor.* Ic-cheques issarrfu. Ma kienx hu li sarraf ic-cheques. Williams u Ertugrul tnehhew minn diretturi ta` Anvil fl-10 ta` Awissu 2010.

Baqa` jinsisti li qatt ma saret laqgha tal-kumpannija fejn kien infurmat b`dak li kien sar ma` Dhalia. Kien Williams li widdbu biex joqghod attent. Ir-rizoluzzjoni esebita a fol 81 u 102 hija falza peress li huwa ma ffirmax dak id-dokument. Ried ikun propju mignun biex jiffirma rizoluzzjoni bhal dik. Sostna li Williams u shabu kienu sgassaw l-ufficcju tieghu u tefghu kollox f`kaxxi peress li l-ufficju tieghu beda jintuza biex jorqdu l-lavranti fih.

Insista li Dunstan Williams kien qallu li fuq iz-zewg cheques li harget Dhalia, kienu zdiedu Décor sabiex Anvil Décor tkun tista` ssarrafhom hi. Dwar l-invoice a fol 68, sostna li l-invoice ma nhargitx mill-kumpannija tieghu. Lanqas ma harigha hu. Jaccetta li Dhalia harget cheque kontra l-ammont indikat fl-invoice izda ic-cheque hareg f`isem Anvil.

Fir-**<u>riezami</u>**, Charles Palmier qal illi li l-firma tieghu tvarja hafna u ghalhekk facli li tigi ffalsifikata. L-arrangament kien li huwa kellu jiehu *director`s fee* talli kien qed iggib ix-xoghol. Skont il-ftehim, ic-cheque kellu jmur ghandu, u wara li jithallsu l-ispejjez tal-post, il-kera tal-elettriku u l-hlasijiet dovuti lilu, il-bilanc imur ghand l-ohrajn.

**<u>Joseph Caruana</u>** mill-Bank of Valletta plc xehed illi cheque bid-data tad-9 ta` Marzu 2010 ghal €12,000 kien depozitat fil-kont nru 40018103373 f` isem Anvil Décor Limited. Kien hemm cheque iehor fl-ammont ta` €10,000 li bid-data tal-10 ta` Mejju 2010 li kien depozitat fl-istess kont. Dawn iz-zewg cheques kienu nhargu minn Dhalia fuq kont li din kellha fil-Lombard Bank plc bin-nru 19138151.

Ipprezenta *statement* tal-kont nru 40018103373 taz-zmien sussegwenti ghad-depozitu tac-cheque. Minn dan l-*statement* jirrizulta li kien hemm *withdrawals* izda mhux ta` ammont shih ta` €12,000. Il-kont inghalaq fl-24 ta` Gunju 2011.

Fisser illi c-cheque ta` €12,000 gie ddepozitat mid-detentur tal-karta tal-identita` numru 37874A li huwa Zahfer Ulusoy permezz ta` *express deposit* fl-isem Anvil Décor Limited. Ic-cheque kien depozitat mill-istess persuna ghand il-kaxxier fil-fergha ta` Rahal Gdid fl-10 ta` Mejju 2010. Il-firmatarji tal-kont kienu Zahfer Ulusoy, Ahmet Ertugrul u Dunstan Williams.

**Jeanette Lepre** ghal Lombard Bank plc xehdet illi c-cheque bin-nru 2950 fl-ammont ta` €12,000 datat 9 ta` Marzu 2010 mahrug f isem Anvil Limited kien depozitat fil-Bank of Valletta plc.

**Av. Dr. Kevan Azzopardi** xehed illi fil-bidu tal-2011 iltaqa` ma` Charles Palmier fejn spjegalu l-operat ta` Anvil, u r-relazzjoni li din kellha ma` Anvil Décor. Qallu wkoll bil-problemi li sab ruhu fihom minhabba l-agir tad-diretturi ta` Anvil Décor. Fissirlu li d-diretturi ta` Anvil Décor kienu wkoll diretturi ta` Anvil. In segwitu tnehhew minn diretturi ta` Anvil fl-10 ta` Awissu 2010. Ftit taz-zmien wara saret laqgha ma` Williams, li spjega kif Anvil Décor kienet thallset ghal xoghol u li kien sar konvenju ghall-akkwist ta` appartament. Williams kien stqarr li l-flus kienu dovuti lil Anvil. Zewg cheques li kienet harget Dhalia spiccaw ghand Anvil Décor. Kienu hlas parzjali ghal xoghol ta` manifattura ta` gallariji li kienu sar a bazi ta` stima li harget Anvil. Il-bqija tal-hlas kien se jsir bit-trasferiment ta` appartament minn Dhalia u Ta` Giorni.

Kompla jixhed li in segwitu saret laqgha ghand Dhalia li ghaliha kienu prezenti Williams, Palmier, Adrian Grech u Chris Grech ghal Dhalia u Ta` Giorni kif ukoll Dr Gavin Gulia. L-ufficjali ta` Dhalia u Ta` Giorni kkonfermaw illi kienu hargu zewg cheques f`isem Anvil bhala hlas in parti tax-xoghol. Ic-cheques ingabru minn direttur ta` Anvil Décor u ssarrfu ad insaputa ta` Anvil. Fil-fatt irrizulta li z-zewg cheques kienu mbaghbsa billi xi hadd dahhal il-kelma *Decor* bejn il-kliem *Anvil* u *Limited.* Il-konvenju ghat-trasferiment tal-appartament kien iffirmat minn Ertugrul.

**P.L. Quentin Tanti** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpanniji xehed illi Anvil Limited kienet registrata fl-14 ta` Jannar 1972. Charles Palmier kien appuntat direttur fit-13 ta` Settembru 1973. Irrizenja fit-13 ta` Jannar 2003. U rega` sar direttur fit-13 ta` Novembru 2006. Dunstan Williams sar direttur fit-22 ta` Lulju 2008 u tnehha fl-10 ta` Awissu 2010. Ahmed Eltugrul sar direttur fit-22 ta` Lulju 2008 u tnehha fl-10 ta` Awissu 2010. Dwar Anvil Décor Limited, xehed illi din kienet registrata fid-19 ta` Frar 2009. Id-diretturi kienu Zafer, Eltugrul u Williams. Dan tal-ahhar irrizenja fl-10 ta` Awissu 2011.

**Charles Attard** xehed illi huwa *tax advisor*. Qal illi fi Frar 2009, kien mitlub minn Williams u Ertugrul sabiex ihejji kuntratt sabiex ikunu jistghu joperaw minn hut ta` Anvil Limited sitwata Kordin. Fis-16 ta` Frar 2009 saret skrittura bejn Anvil Limited (rapprezentata minn Charles Palmier) u Anvil Décor Limited (rapprezentata minn Zafer, Ertugrul u Williams). Qabel il-ftehim sar bil-miktub kienu ilhom jaghmlu xoghol flimkien. Il-ftehim issejjah *cooperational agreement*. Palmier kien se jircievi pagament ta` €163 fil-gimgha "*for marketing efforts irrespective of the sales ordered or deals closed*." Bil-kuntratt ma saret ebda twellija la tas-sit u lanqas tan-negozju. Fil-fatt Palmier baqa` nvolut direttament fix-xoghol.

Kompla jixhed illi ghalkemm meta sar il-ftehim, Anvil Décor kienet diga` registrata, Williams u Ertugrul saru xorta diretturi ta` Anvil ukoll. In segwitu tnehhew minn diretturi ta` Anvil fuq struzzjonijiet ta` Palmier.

Qal illi lilu ma kienx irrizultalu li Anvil harget xi spejjez fir-rigward tal-appalt ta` Dhalia.

**Fil-kontroezami**, xehed illi Williams ma kienx iffirma l-kuntratt ta` bejn Anvil u Anvil Décor. Dwar il-hlasijiet tax-xoghol, jaf illi l-ftehim kien fis-sens illi c-cheques kellhom johorgu fuq Anvil Limited, u Anvil Décor Limited tithallas ta` li taghmel minn dawk ic-cheques.

**Zafer Ulusoy** xehed illi huwa kien partner ma` Ahmet Ertugrul. Semmielu negozju gdid. Fil-fatt hadu post minghand Charles Palmier li kien jinsab Kordin. Meta ra l-post l-ewwel darba kien qieghed irrangat. Kellu saqaf qisha tinda tal-hadid u kien tal-Gvern. Meta hadu l-post, ma kienx fih makkinarju jew ghodda. Apparti Ertugrul fil-progett kien

involut Williams ukoll. Kienu ftehmu ma` Palmier li jhallsuh €163 fil-gimgha. Fil-frattemp Ertugrul kien qed ifittex li jixtri appartament u billi hu kien jaf lil Chris Grech ta` Dhalia ltaqa` mieghu. Gara li Ertugrul ma kienx irnexxielu jiehu self mill-bank u ghalhekk ftiehem ma` Chris Grech li l-appartament jithallas b`xoghol tal-hadid li Dhalia kienet qeghda tibni fix-Xemxija.

Kompla jixhed illi hu, Ertugrul u Williams ghamlu x-xoghol. Ma kenitx l-ewwel bicca xoghol taghhom. Palmier qalilhom li jekk kienu se jkabbru x-xoghol ma setghux juzaw l-isem ta` Anvil Limited ghaliex ma riedx juri lill-Gvern li kien qed ikompli n-negozju. Meta Palmier kien jithallas il-€163 fil-gimgha, fuq ic-cheque ma kienx jikteb isem Palmier imma kien jikteb biex jithallas kontanti. L-accountant Charles Attard hejja *management agreement*.

Stqarr illi meta taw l-istima lil Dhalia, dawn staqsewhom ghal *board resolution.* Kien kontattat Palmier biex jiehu hsieb dan id-dokument. Din saret u kienet giet iffirmata minn Palmier, Williams u Ertugrul. Ir-risoluzzjoni saret minn Anvil Limited.

Mistoqsi mill-qorti ghaliex kellhom bzonn ta` risoluzzjoni, wiegeb illi l-att ma` Dhalia sar f`isem Ertugrul biss, imma x-xoghol tal-hadid kellu jsir taht l-isem ta` Anvil Limited, billi dak iz-zmien kienu qeghdin jahdmu ma` Anvil Limited. Ir-risoluzzjoni kienet iffirmata quddiemu minn kulhadd, anke minn Palmier. Kien biss wara xi tlieta/erba` xhur li kienet kostitwita Anvil Décor. Mistoqsi mill-qorti x`kienet l-intenzjoni taghhom jekk x-xoghol kellu jsir bl-isem ta` Anvil Limited, wiegeb illi x-xoghol kellu jsir minn Anvil Décor. Ghalkemm kienet Anvil li hadet ix-xoghol, Ertugrul u Williams kienu diretturi f`Anvil u kien hemm risoluzzjoni.

Qal illi ma kienx qed jinvolvi lil Anvil imma lil Ertugrul u Williams. Wara li hadu x-xoghol, Palmier qalilhom li ma setghux ikomplu b`dak li mod u li kellhom jaghmlu kumpannija gdida biex ma jkomplux jaghmlu uzu mill-kumpannija tieghu. Palmier kien jaf li kienu huma li kienu qed johorgu l-flus.

Stqarr illi meta Dhalia harget ic-cheques dawn saru fuq isem Anvil. Meta marru jigbru c-cheques minghand Dhalia, wiehed minnhom kien "post dated", u kellhom ihallsu xi flus lil Palmier ghal kontijiet tad-dawl. Kien Palmier li qallu biex inizzel il-kelma "Décor" fuq

dawk c-cheques biex isarrfuhom huma mhux Anvil Limited, ghaliex ma kienx qed juza l-kumpannija.

Fisser illi meta sar il-kuntratt tal-appalt ma` Dhalia, Anvil Décor ma kenitx ghadha tezisti. Dak mertu tal-kwistjoni kien l-uniku wiehed li ghamlu bl-isem ta` Anvil Limited. Mistoqsi kif Ta` Giorni dahlet fil-kwistjoni kollha, xehed illi dik kienet kumpannija ohra ta` Dhalia.

Ikkonferma li Ertugrul biss ffirma l-konvenju, u ghamel hekk f`ismu personali. Mistoqsi ghaliex hekk sar, qal illi hu kellu kumpannija ohra ma` Ertugrul u kien jafda lil Ertugrul, kif kien jafda lil Williams ukoll.

Qal illi x-xoghol taghhom tlesta izda ma hadux l-appartament. Dwar dan tal-appalt kien hemm kawza ohra fil-qrati. Ma sarx il-kuntratt tal-post ghaliex sabu li kien hemm differenza fil-kejl attwali tal-appartament u l-kejl li kien jidher fil-kuntratt. Ghalhekk saret kawza.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehed illi l-flus, ir-ircevuti u l-invoices kienu kollha ghandu.

Stqarr illi ma kienx involut meta xtraw l-makkinarju ghall-fabbrika, ghaliex hu wasal xahrejn wara. Kienu Williams u Ertugrul li xtraw kollox. Ir-ricevuti ta` dawn suppost qeghdin ghand Williams.

Xehed illi huma krew il-fabbrika minghand Palmier. Kien iffirmat ukoll *management agreement* bejn Anvil u Anvil Décor. Ghalkemm fil-ftehim ma kienx hemm li kellha tithallas kera, sahaq li huma kienu qeghdin ihallsu lil Palmier Lm 10 kuljum. Cahad li dawk l-Lm 10 kienu dritt ta` Palmier ghal konsulenzi.

Mistoqsi mill-qorti kif tghallmu s-sengha, wiegeb li m`ghandekx bzonn titghallem biex taghmel dak it-tip ta` xoghol. Huma setghu jaghmlu dak x-xoghol minghajr l-ghajnuna jew il-konsulenza ta` Palmier. Mistoqsi x`jaghmel bhala xoghol, wiegeb li jaghmel minn kollox inkluz *accounting* u anke *waiter.*

Qal illi ghal dawn l-ahhar 18-il sena kellu negozju f`Malta, u flimkien ma` Ertugrul kellu kumpannija bl-isem EU Brothers Company Limited. Mistoqsi jekk ghandhiex x`taqsam ma` xoghol ta` ferrobattuto, wiegeb li taghmel xoghol ta` import/export.

Kompla jghid illi qabel sar il-kuntratt ma` Dhalia kellmu lil Palmier. Dan qalilhom biex ma juzax l-isem ta` Anvil Limited, izda fil-ftehim intuzat xorta Anvil Limited ghaliex Anvil Décor Limited ma kenitx ghadha ffurmata.

Mistoqsi mill-qorti min kellu jircievi l-flus, wiegeb li Anvil Décor ghaliex huma kienu ghamlu x-xoghol.

Muri Dok DW7 xehed illi qatt ma ra dak id-dokument.

Mistoqsi kif kien jithallas Palmier stqarr illi xi drabi f`kontanti u xi drabi ohra b`cheque, imma Palmier qatt ma ried li jitnizzel ismu fuq c-cheque. Ix-xhud kellu jipprezenta c-cheques.

Cahad li l-ewwel kien iffirmat il-kuntratt u wara saret il-board resolution. Fil-fatt qal li sar bil-maqlub.

Meta kien suggerit lilu li Ertugrul kien xehed li l-ewwel sar l-kuntratt u wara saret l-board resolution, wiegeb li ma jiftakarx.

Muri l-konvenuju datat 25 ta` Frar 2009 (Dok AG1) xehed illi hu ma ffirmax il-konvenju. Il-firma kienet ta` Ertugrul.

Ma setax jispjega meta kien mistoqsi ghaliex il-board resolution kienet datata 23 ta` Dicembru 2008, meta l-kuntratt sar fi Frar 2009 u hemm inkiteb illi l-board resolution kellha tasal sa hamest ijiem wara.

Meta kompla jigi mistoqsi f`okkazjoni ohra dwar il-board resolution, stqarr li ma jiftakarx meta kienet iffirmata.

Mistoqsi minn hejja l-board resolution, qal li ma jiftakarx imma seta` kien l-accountant ; pero` ma kienx Palmier li hejja d-dokument ghalkemm seta` kien Williams.

Qal ukoll li ma ffirmawx kollha flimkien. Palmier iffirma wara ghalkemm ma ftakarx bl-ezatt. Huwa kien prezenti meta ffirmaw Ertugrul u Williams imma mhux meta ffirma Palmier. Fil-fatt Ertugrul u Williams hadu d-dokument lil Palmier biex jiffirmah.

Meta kien issuggerit lilu li Williams xehed li huwa kien dahal l-ufficcju u ffirma r-risoluzzjoni u li ghalhekk ma kienx hu li ghamilha, wiegeb li ma jafx x`gara.

Mistoqsi kemm kien hemm kopji tar-risoluzzjoni, wiegeb li kien hemm dokument wiehed originali biex jigi ffirmat.

Mistoqsi fejn kien jinsab il-file bid-dokumenti inkluz l-invoices, wiegeb li ma jiftakarx ghaliex kienu ghaddew ghaxar snin.

Ikkonferma li kien hu li kiteb l-kelma "*Décor*" fuq ic-cheques sabiex ikun jista` jiddepozitahom il-Bank. Anke Palmier awtorizzah jaghmel hekk. Meta mar ghand Palmier bic-cheques biex jistaqsieh setax inizzel "*Décor*", ma kienx hemm kontijiet pendenti x`jithallsu.

Muri email datata Frar 2010, li tghid li hemm kontijiet tad-dawl, ilma u kera li kienu pendenti qabel mar bic-cheques, wiegeb li jista` jkun pero` ma ftakarx dik l-email.

Mistoqsi ghaliex wara li mar jiddepozita c-cheque ta` €12,000, ma marx ihallas il-kontijiet li kienu pendenti, wiegeb li l-mistoqsija kellha ssir lil Williams u Ertugrul.

Muri z-zewg cheques, fejn hemm l-kelma "*Décor*" mizjuda, ikkonferma li l-kitba "*Décor*" kienet tieghu.

Ikkonferma li wara li ddepozita t-tieni cheque, kellu problemi ma` Williams. Fil-fatt Williams mar ghand Palmier u spjegalu kollox.

Huwa ma kienx Malta. Williams argument mieghu li ma kienux thallew flus fil-kont u ghalhekk ma setax ihallas il-kontijiet. Ma kienx Williams li qal lil Palmier dwar c-cheques ghaliex Palmier diga` kien jaf.

Mistoqsi ghala Williams mar ghand Palmier, wiegeb illi ma jafx.

Cahad li l-invoices kollha kellhom ighaddu minn Anvil Limited. Sahaq li x-xoghol sar taht l-isem ta`Anvil ghaliex Anvil Décor ma kenitx ghadha kostitwita. Hu, Williams u Ertugrul kienu responsabbli ghax-xoghol li sar lil Dhalia.

Ikkonferma li fil-kuntratt tal-appalt kien hemm inkluza penali, pero` Palmier ma kienx jaf dwarha.

Ikkonferma wkoll illi Palmier ma riedx li jghaddu flus minn Anvil. Lanqas Williams u Ertugrul ma riedu.

<u>**Ahmet Ertugrul**</u> xehed li sar jaf lil Charles Palmier tramite Dunstan Williams meta ried jikri post ghan-negozju u Williams qallu li kien hemm fabbrika Kordin li taghmel xoghol tal-hadid li kienet ghall-kiri. Mar fuq il-post u ltaqa` ma` Palmier. Qalilhom li billi ma setax jiehu hsieb aktar dak ix-xoghol, ried jikri l-post halli ma jhallieh maghluq. Qal illi huwa kien jahdem fil-*management* u li ma kienx jaghmel xoghol tal-idejn.

Kompla jixhed illi in segwitu sar direttur ta` Anvil Limited bil-kunsens ta` Palmier. Dan kellu jithallas kera ghall-post ta` Lm 10 kuljum. Qatt ma tahom ricevuta u thallas dejjem in kontanti.

Fisser illi sar *management agreement* ma` Palmier ghaliex ma riedx ihallas taxxa, u ma riedx jixtri l-materjal. Fil-fabbrika sar hafna xoghol bhal bdil tas-saqaf u rinnovar tal-ufficcju bi spiza ta` madwar € 40,000. Hu u shabu kellhom diversi bicciet xoghol. Imbaghad gie x-xoghol ta` Dhalia. Palmier qatt ma talabhom li jithallas parti mill-profitti ghax-xoghol li kienu jaghmlu.

Dwar Dhalia, stqarr illi huwa ltaqa` ma` Chris Grech u ftehmu dwar xoghol ta` hadid fi blokk ix-Xemxija. Parti mill-prezz tal-appalt

kellu jithallas b`appartament go Ta` Giorni. Billi l-appartament kien jiswa aktar mill-appalt, huma kellhom ihallsu bilanc lil Dhalia. Fil-kuntratt li sar ma` Dhalia, dawn talbu board resolution. Ghalhekk mar ghand Palmier peress illi huwa s-sid ta` Anvil Limited. Palmier ried jaqra l-ftehim qabel jiffirma u beda jfissrilhom x`kien hemm miktub. Williams u Palmier iffirmaw ir-risoluzzjoni meta mar biex jiffirma l-kuntratt ma` Dhalia billi ma kenitx ghadha lesta. Ippreciza li l-kronologija tal-fatti kienet : l-ewwel talbu ghar-risoluzzjoni, imbaghad kien iffirmat l-kuntratt u wara marru ghand Palmier. Ghalhekk qabel ma ta r-risoluzzjoni lil Dhalia, hu kien diga` ffirma kemm l-kuntratt ta` appalt kif ukoll il-konvenju tal-appartament. Mistoqsi mill-qorti jekk meta ffirmaw il-kuntratt ta` appalt, kienx fuq bazi personali jew ghal kumpannija, wiegeb li kien iffirmat in rappresentanza ta` Anvil ghaliex sa dak iz-zmien Anvil Décor ma kenitx ghadha ffurmata. Iffirma l-konvenju f`ismu personali.

Kompla jixhed illi meta gew biex jithallsu, Palmier ma ried li jidher xejn fuq Anvil. Il-pagament hareg fuq Anvil. Zafer zied u kiteb il-kelma *Décor* fuq ic-cheque u ddepozitah fil-kont ta` Anvil Décor.

Mistoqsi kienx hemm flus dovuti lil Palmier wiegeb li kellu jithallas madwar €6,500, ghall-kera, dawl u ilma tal-post u xejn aktar.

Sahaq illi Palmier kienx involut fix-xoghol li sar ghal Dhalia, ghalkemm f`okkazjoni ta` darba mar maghhom fis-sit tax-xoghol ghax kellhom diffikulta`.

Stqarr li in segwitu l-fabbrika giet maghluqa mill-Gvern.

Mistoqsi biex jipproduci d-dokument originali tar-risoluzzjoni, xehed li ma kellux id-dokument, ghaliex intilef meta dahal l-ilma fl-ufficcju tal-fabbrika.

Qal illi meta mar jara l-fabbrika l-ewwel darba din kienet maghluqa.

Dwar kif sar jaf lil Charles Palmier, l-ewwel ighid li sar jafu tramite Williams, imbaghad ftakar li sar jafu ghaliex xi snin qabel Palmier kien hadimlu gabbana ghall-bejgh tal-kebabs.

Dwar il-flus li ta` kuljum kellu jithallas Palmier, xehed li dik kienet kera tal-post. In segwitu qal li kien hlas talli kien se jghinhom fix-xoghol.

Qal illi Palmier kien jaf bix-xoghol tant li kellha ssir il-board resolution, ghalkemm ma kienx kuntent li huma hadu l-appalt. Palmier kien qallu li ma setax juza l-ktieb tar-ricevuti tal-VAT ta` Anvil. Lanqas ma setghu jiddepozitaw flus fil-kont ta` Anvil, ghaliex il-fabbrika kienet maghluqa u ma riedx juri li kien qed jaghmel xoghol minnha.

Mistoqsi mill-qorti x`kien jigri minn cheque mahrug fuq Anvil Limited, wiegeb illi Ulusoy kien jikteb *Décor* fuq ic-cheque u jiddepozitah fil-kont ta` Anvil Décor. Palmier kien jaf b`dan kollu.

Qal li ma jiftakarx jekk Anvil Décor kenitx iffurmata wara li sar l-appalt tax-Xemxija.

Qal li l-profitt mix-xoghol li kienu jaghmlu kellu jinqasam fi tlieta u cioe` terz ghalih, terz ghal Williams u terz ghal Ulusoy. Fil-fatt pero` il-profott baqa` ma nqasamx ghaliex kien jigi investit f`negozju iehor. Qal li ma jafx f`liema kont bankarju kien imur dak il-profitt.

Ikkonferma li l-konvenju kien iffirmat qabel saret il-board resolution. Ta` dan id-dokument kien hemm tlett originali : wahda ghal Dhalia, wahda ghal Palmier u wahda ghalihom. Kien Palmier li kiteb ir-risoluzzjoni. Huwa ffirma kemm il-kuntratt tal-appalt kif ukoll il-konvenju.

Qal li ma jafx ghaliex la fil-kuntratt u lanqas fil-konvenju ma tissemma r-risoluzzjoni.

Qal li Palmier mhux ighid il-verita` meta jghid li r-risoluzzjoni qatt ma esistiet.

Cahad li kellu argument ma` Williams dwar il-flus tal-appalt tax-Xemxija. Kellhom argument dwar ix-xoghol mhux dwar il-flus. Ma

jiftakarx li Williams kien mar jitkellem ma` Palmier fil-presenza tal-Av. Kevan Azzopardi.

Mistoqsi ghaliex fuq il-konvenju deher f`ismu personali, stqarr illi hu, Williams u Ulusoy kellhom fiducja f`xulxin.

Mistoqsi ghaliex sar l-kuntratt ta` appalt bhala Anvil Ltd, qal li l-mistoqsija kellha ssir lil Ulusoy.

Mistoqsi ghaliex ma sarx ma` Anvil Décor, qal li l-mistoqsija kellha ssir lil Williams.

Ma ftakarx il-*management agreement* li sar bejn Anvil u Anvil Décor.

Mistoqsi dwar dejn li hallew ghall-uzu tal-fabbrika, stqarr li huma kienu lest jhallsu kull ma kien dovut bl-uzu taghhom.

## 2. Dokumenti

**Kienu prezentati bhala <u>prova</u> ghadd ta` dokumenti. Minnhom jirrizultaw fatti (li sejrin jigu ndikati f`ordni kronologiku) li jitfghu dawl fuq id-deposizzjonijiet tax-xhieda, specjalment ta` dawk li l-qorti semghet viva voce :**

- Fit-**<u>22 ta` Lulju 2008</u>**, Dunstan Williams u Ahmet Ertugrul kienu mahtura diretturi ta` Anvil.

- Fil-**<u>15 ta` Dicembru 2008</u>**, Ertugrul bhala direttur ta` Anvil ta stima ta` xoghol ta` hadid lil Dhalia.

- Fis-**<u>17 ta` Dicembru 2008</u>**, saret skrittura private ta` appalt bejn Dhalia u Anvil. Ertugrul iffirma ghal Anvil. Fil-kuntratt jinghad li Ertugrul :- " *… and duly accepts to provide a resolution of the company within 5 days from today."* Kien stipulat ukoll illi : *"the Company undertakes to pay the*

*contractor by the end of January 2009 an initial deposit of €15,000 which the contractor is hereby authorizing the Company to use in part for the cost of registration of the preliminary agreement and in part as the deposit envisaged in the said preliminary agreement signed between Ahmet Ertugrul personally and "Ta Giorni Limited" earlier on today, relative to property at Ta` Giorni, Saint Julians."*

- Fis-**<u>17 ta` Dicembru 2008</u>** ukoll sar konvenju fejn Ertugrul personalment obbliga ruhu li jakkwista appartament minghand Ta` Giorni.

- Permezz ta` board resolution iffirmata ta` Anvil datata **<u>23 ta` Dicembru 2008</u>** kien ikkonfermat il-kuntratt tal-appalt tas-17 ta` Dicembru 2008.

- Anvil Décor kienet registrata fis-**<u>16 ta` Frar 2009</u>**.

- Fis-**<u>16 ta` Frar 2009</u>**, kien iffirmat *co-operation agreement* bejn Anvil u Anvil Décor. Fi klawsola 3 tal-ftehim jinghad illi : "*Whereas all activities described in clause 1 will be shared and simultaneously performed by the operators and the owner."* Fi klawsola 5 jinghad illi : "*The Owner (Palmier) shall direct all sales-orders through this co-operation agreement between the two companies, which sales-orders will be completed by operators".* Imbaghad klawsola 13 tghid : "*The owner receives a professional fee of €163 per week for the marketing efforts, irrespective of the sales orders or deals closed."*

- Adrian Grech ipprezenta kopja ta` kuntratt ta` appalt datat **<u>25 ta` Frar 2009</u>** (fol 146).

- Fl-**<u>20 ta` Marzu 2009</u>**, tirrizulta ricevuta li harget f`isem Ertugrul li l-konvenju kien gie registrat.

- Fis-**<u>16 ta` Frar 2010</u>**, Palmier baghat ittra lid-diretturi ta` Anvil Décor.

- Fid-**<u>9 ta` Marzu 2010</u>**, Dhalia ghamlet l-ewwel hlas b` cheque fl-ammont ta` €12,000. Fl-**<u>10 ta` Marzu 2010</u>**, sar depozitu ta` dan ic-cheque fil-kont ta` Anvil Décor.

- Fl-**<u>10 ta` Mejju 2010</u>**, Dhalia ghamlet hlas iehor b`cheque fl-ammont ta` €10,000 li kien depozitat fil-kont ta` Anvil Décor fl-istess jum tal-**<u>10 ta` Mejju 2010</u>**.

- Fl-**<u>10 ta` Awissu 2010</u>**, Williams u Ertugrul tnehhew minn diretturi ta` Anvil.

- Fil-**<u>15 ta` Dicembru 2010</u>**, Anvil ipprezentat ittra ufficjali kontra Dhalia u Ta` Giorni fejn talbet li tithallas l-ammont ta` €43,412.70.

- Fl-**<u>10 ta` Awissu 2011</u>**, Williams irrizenja minn direttur ta` Anvil Décor.

## 3. <u>Ir-relazzjoni tal-espert kalligrafu</u>

B`digriet moghti fl-udjenza tat-2 ta` Mejju 2017, kien mahtur Dr Anthony Abela Medici bhala espert kalligrafu sabiex, wara li jezamina d-dokument a fol 58, 70 u 81 tal-process, jiddikjara jekk il-firma li tidher fuq dak id-dokument hijiex dik ta Charles Palmier. Inoltre jiddikjara jekk jirrizultax li dik il-firma setghetx kienet dik ta` Charles Palmier fuq dokument iehor u giet trasportata fuq id-dokument imsemmi a fol 58, 70 u 81 tal-process. L-espert kien awtorizzat sabiex jara l-atti tal-kawza sabiex jespleta bl-ahjar mod l-inkarigu tieghu.

B`digriet moghti fl-udjenza tat-13 ta` Lulju 2017, kien revokat l-inkariku ta` Dr Anthony Abela Medici bhala espert kalligrafu wara li huwa stess talab li jkun ezentat mill-inkariku.

B`digriet moghti fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2017, kienet mahtura l-Av Dr Juliana Scerri Ferrante bhala espert kalligrafu in sostituzzjoni ta` Dr Anthony Abela Medici bl-istess inkariku u fakoltajiet.

L-espert ipprezentat ir-relazzjoni fl-20 ta` Frar 2018 u kkonfermat il-kontenut quddiem il-qorti fl-udjenza tas-17 ta` April 2018.

Ghar-ragunijiet li d-dettalji taghhom jirrizultaw fir-relazzjoni, l-espert waslet ghal din il-konkluzjoni :

*Ghaldaqstant, kif gia inghad, l-espert grafiku sottofirmata tikkonkludi billi taghti l-opinjoni taghha li hija li ghalkemm il-firma in kwistjoni fuq r-risoluzzjoni datata 23 ta` Dicembru 2008 hija identika fil-kostruzzjoni u forma ghall-firma li kien jaghmel Palmier, ma jistax jigi finalment determinat jekk din hix awtentika stante li l-esperta sottofirmata m`ghandhiex l-original fil-pussess taghha. L-esperta lanqas ma teskludi li din il-firma setghet giet ittrasportata b`mezzi elettronici minn fuq dokumenti ohra, forsi anki scanned, u mpoggija fuq dokumenti li huma ghalhekk kopja u qatt ma jistghu jkunu originali. Ghalhekk ma jistax jigi ppruvat jekk Palmier ghamilx din il-firma fuq d-dokument in kwistjoni u dan stante n-nuqqas tal-originali.*

Fis-sentenza li tat fid-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja</u> <u>vs</u> <u>Mifsud</u>**", il-Qorti tal-Appell irriteniet li –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi* ***<u>prova ta` fatt</u>*** *li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors tal-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr lassistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissirx illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn lopinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

Ghandu jinghad in linea ta` principju illi ghalkemm qorti mhix marbuta taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess

waqt, dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Ilkonvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik lopinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami.*" (ara – "**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998). Ghalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" ["**Cauchi vs Mercieca**" (6 ta` Ottubru 1999) u "**Saliba vs Farrugia**" (28 ta` Jannar 2000) decizi mill-Qorti tal-Appell].

Fil-kaz tal-lum jirrizulta bhala fatt illi wara li l-espert ikkonfermat ir-relazzjoni, l-ebda parti ma ressqet talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali. Lanqas ghamlu eskussjoni tal-espert. Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-23 ta` Gunju 1967 fil-kawza "**Bugeja et vs Muscat et**" intqal illi l-"*giudizio dell` arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.*"

## III. In-noti ta` sottomissjonijiet

### 1. Is-socjeta` attrici

Taghmel riassunt tal-fatti :

Charles Palmier huwa s-sid u direttur tal-kumpannija attrici. Kienet taghmel xoghol tal-hadib minn fabbrika mikrija mill-Gvern fil-Qasam Industrijali ta` Kordin. Palmier ma setax ikompli fix-xoghol wahdu wara li ibnu ma riedx ikompli. Wasal f`arrangament verbali ma` Dunstan Williams, Ahmet Ertugrul (maghruf bhala Adam) u Zahfer Ulusoy (maghruf bhala Victor) fejn Anvil kellha tohrog stimi tax-xoghol b`Williams, Ertugrul u Ulusoy jaghmlu x-xoghol. Anvil kellha tithallas tax-xoghol, u wara li jinqatghu l-ispejjez, il-bilanc kellu jinqasam. In segwitu l-accountant Charles Attard kien inkarigat biex ihejji ftehim bil-miktub li kien iffirmat minn Palmier, Ertugrul u Ulusoy. Fit-22 ta` Lulju 2008, Williams u Ertugrul saru diretturi ta` Anvil

flimkien ma` Palmier. In segwitu Williams, Ertugrul u Ulusoy iffurmaw Anvil Décor biex jibdew jaghmlu xoghol ghalihom.

Fil-15 ta` Dicembru 2008, Anvil harget zewg stimi bil-pied ghal xoghol ta` hadid favur Dhalia Investments Limited. Fis-17 ta` Dicembru 2008, Ertugrul iffirma kuntratt ta` appalt ghan-nom ta` Anvil. Fl-istess waqt iffirma wkoll de proprio konvenju ma` Ta` Giorni Limited ghall-akkwist ta` appartament.

Palmier ma kienx jaf bl-appalt u bil-konvenju. Sar jaf bil-kuntratt ta` appalt meta mar fuq il-post wara talba ta` Williams u l-ohrajn biex jurihom kif kellu jsir ix-xoghol. Xi zmien wara, Williams avza lil Palmier illi Ertugrul u Ulusoy kellhom jaghtuh il-flus. Fl-10 ta` Awissu 2010, Williams u Ertugrul tnehhew minn diretturi ta` Anvil. Palmier qatt ma ta l-kunsens tieghu biex l-flus ta` Anvil jintuza minn Ertugrul sabiex jixtri appartament minghand Ta` Giorni. Inoltre Ulusoy bidel l-isem tad-destinatarju ta` zewg cheques li harget Ta` Giorni Limited minn Anvil ghal Anvil Décor. Ic-cheques kienu ghal €12,000 u €10,000 rispettivament. Skont Anvil, il-fotokopja tal-allegata board resolution tat-22 ta` Dicembru 2008 kienet falza.

Dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet, is-socjeta` attrici tissottometti li minhabba li gara fil-mori tal-kawza dawn it-talbiet m`ghadx hemm aktar htiega li jigu decizi billi l-konvenju ma baqax validu ghaliex ma kienx registrat, tant li l-fond inbiegh u kien trasferit lil terzi.

Dwar ir-raba` u l-hames talbiet, is-socjeta` attrici tirrimarka li ma kienx ikkontestat min-naha ta` Dhalia u Ta` Giorni li l-appalt sar ma` Anvil. Min-naha tieghu jikkontendi li l-flus kienu dovuti jew lilu jew lil Anvil Décor. Ghalkemm Ertugrul ighid li Palmier kien jaf bil-kuntratt li sar ma` Dhalia, Palmier xehed illi ma kien jaf xejn.

Dwar l-allegata risoluzzjoni tal-bord, jinghad min-naha tal-attrici li d-dokument li kien esebit ma kienx l-ahjar prova izda biss fotokopja li Palmier mill-bidu nett ikkontesta mhux biss il-firma tieghu izda sahansitra l-esistenza tad-dokument. F`li stqarr Palmier huwa korraborat minn dak li xehdu Adrian Grech u Chris Grech fis-sens illi huwa qatt ma rcevew il-borad resolution.

## 2. **Il-konvenut Ahmet Ertugrul**

Dwar l-ewwel tliet talbiet, hemm konferma li m`ghadx hemm skop ta` decizjoni dwarhom in vista tas-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fl-24 ta` Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet *Ta` Giorni Limited vs Dr. Renzo Porsella Flores noe et.*

Ighid illi l-kawza hija bbazata fuq l-Art 1144 tal-Kodici Civili. Jinkombi fuq l-attrici l-prova : i) li huwa debitur taghha ; ii) li ghamel kuntratt gratwitu u/jew oneruz ma` terzi, li bis-sahha tieghu kienu trasferiti assi favur terzi ; u iii) li kien hemm l-intenzjoni li l-attrici tkun defrawdata [ara : Qorti tal-Appell : **Emanuele Calleja vs Carmelo Grima et** : 10 ta` Jannar 1995 ; u **Anna Bellia vs Victor Grech et :** 6 ta` Ottobru 1999]. Jirreferi ghall-elementi tal-*actio pauliana* u ghal gurisprudenza ohra fir-rigward.

Ighid li kien hu flimkien ma` shabu Williams u Ulusoy li kisbu u wettqu l-kuntratt tal-appalt ma` Dhalia. Minhabba ragunijiet attinenti ghar-relazzjoni li Anvil kellha mas-sid tal-post mnejn kienet topera, u ghalkemm huma kienu qeghdin jagixxu f`isimhom, il-kuntratt tal-appalt iffirmah hu f`isem Anvil.

Jissottometti li meta huwa ghamel il-konvenju ma kienx qed irendi lilu nnifsu nsolventi (ghall-fini tal-azzjoni pawliana) imma kien qed jakkwista fuq ismu appartament ghall-prezz ta` €137,433. Ghalhekk mhux minnu li meta ghamel il-konvenju kien qed jippregudika l-interessi ta` Anvil. Billi Williams, hu u Palmier kienu diretturi ta` Anvil, kien hemm bzonn li ssir risoluzzjoni tal-bord ta` Anvil li tapprova l-appalt. Ir-rizoluzzjoni kienet datata 23 ta` Dicembru 2008.

Jaghmel il-punt illi qabel ma tlestew ix-xogholijiet, hu u shabu rregistraw il-kumpannija Anvil Décor sabiex b`hekk ikun formalizzat il-ftehim li huma kellhom ma`Anvil. Il-*co-operation agreement* sar fis-16 ta` Frar 2009. Skont il-ftehim, Anvil kellha tircievi €163 fil-gimgha ghal xoghol ta` marketing. Fir-realta` kien kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika u/jew kera. Wara li tlesta l-appalt, Dhalia hallset is-somma ta` €42,618.30 akkont tal-prezz tal-appartament u l-bilanc kellu jithallas b`cheque intestat lil Anvil. Palmier kellu jigbor il-hlas ghal arretrati ta` servizzi u arretrati ta` kumpens. Meta nduna li Dhalia kienet se thallas, ghamel il-pretensjoni li l-appalt kien konkluz

ma` Anvil bil-konsegwenza li l-hlas kellu jsir lil Anvil mhux lil Anvil Décor.

Ighid illi skont il-*co-operation agreement*, l-appalt kellu jkun ezegwit mill-operaturi tal-fabbrika mhux minn Anvil ghaliex din kellha tithallas biss kumpens ghall-okkupazzjoni fl-ammont ta` €163 fil-gimgha u l-ispejjez tad-dawl u tal-ilma. Ghalhekk hija kredibbli l-verzjoni tieghu li sa mill-ewwel gurnata l-intiza kienet illi Anvil kellha taghmel il-fabbrika disponibbli ghan-negozju tieghu u ta` shabu, u ta` dan Anvil kellha tircievi biss il-hlas ta` €163 fil-gimgha u r-rimbors tal-ispejjez tad-dawl u tal-ilma.  Anke ghalhekk huwa plawsibbli wkoll li l-appalt sar ghall-konvenjena ta` Anvil l-ezekuzzjoni kellha tkun minn u minn shabu de proprio.

Dwar li Palmier cahad li qatt iffirma r-risoluzzjoni, jissottometti li wara l-ftehim verbali, hu u Williams kienu mahtura diretturi ta` Anvil flimkien ma` Palmier.  Jirrimarka li fil-kontroezami, Palmier stqarr li dkien deherlu mehtiega li jnehhi lil Williams u lilu minn diretturi ; fl-istess waqt pero` cahad li meta sar il-kuntratt tal-appalt u l-konvenju, Williams u hu ma kienux diretturi ta` Anvil.

Dwar il-kwistjoni tal-alterazzjoni tac-cheques, irrileva li ladarba l-appalt sar ma` Anvil, ic-cheques kellhom johorgu f`isem Anvil.  Fix-xiehda tieghu, Adrian Grech stqarr illi qatt ma ltaqa` ma` Palmier qabel il-ftehim izda ltaqa` mieghu u ma` Ulusoy. Min-naha tieghu, Ulusoy spjega li meta rcieva c-cheques dawn kienu ntestati lil Anvil ; ghalhekk ghazel li fuq ic-cheques izid il-kelma "Décor" sabiex ic-cheques ikunu jistghu jissarrfu minn Anvil Décor billi emmen li l-hlas kien dovut lilu u lil shabu mhux lil Palmier.  Dan tal-ahhar xehed illi ma kienx jaf bil-kuntratt ta` appalt.  Mhux kontestat dan bhala fatt propju ghaliex il-ftehim kien li Anvil tipprovdi l-fabbrika.  Fl-assjem ghalkemm l-azzjoni ta` Ulusoy ma kenitx felici, kien ippruvat li ma kellu l-ebda hsieb jew intenzjoni li jiddefrawda lil Anvil.

Jikkontesta li jissussistu l-elementi kollha rikjesti sabiex issehh l-azzjoni pawliana.

Dwar l-ahhar zewg talbiet, jikkontendi li ladarba ma hemmx il-prova tar-rekwiziti tal-azzjoni pawliana, dawk it-talbiet lanqas ma jistghu iregu.  Il-qorti ma kenitx mitluba tikkundanna lil xi konvenut

ghall-hlas ta` xi ammont lis-socjeta rikorrenti. Tant hu hekk li z-zewg talbiet in kwistjoni huma dikjaratorji.

## 3. Il-konvenuti l-ohra

Jissottomettu l-kwistjoni rat il-bidu taghha meta Palmier ftiehem ma` Williams, Ertugrul u Ulusoy. Dhalia u Ta` Giorni kienu terzi ghaldak il-ftehim. Dhalia tat appalt ta` xoghol ta` hadid lil Anvil. Ghal Anvil iffirma Ertugrul. Huma ttrattaw ma` Anvil mhux ma` Anvil Décor. L-istimi tax-xoghol tathom Anvil u l-hlas li kellhom jaghtu sar lil Anvil (mhux lil Anvil Décor). Meta nghata l-appalt, huma kienu in bona fede. Bl-ebda mod ma nghataw x`jifhmu jew x`jissoponu li Ertugrul kien qed johrog stimi ghal Anvil ad insaputa ta` Palmier jew inkella li ma kellux setgha li jagixxi bil-mod u manjiera kif mexa. Id-dokument li kien wera Ertugrul kien jidher genwin ; ghalhekk il-pattijiet kollha relatati mal-appalt setghu jipprocedu regolarment. Jirrespingu ghalhekk bhala nsostenibbli f`kull sens, safejn tirrigwarda lilhom, kwalsiasi pretensjoni ta` frode fl-imgieba taghhom.

Irrimarkaw li x-xoghol ta` appalt kien qed isir proprju fil-blokka fejn hemm l-appartament li Ertugrul kien ser jakkwista f`ismu. Ifisser ghalhekk illi r-rikavat mill-appalt kien qed jigi nvestit fl-appartament. Meta mbaghad inqalghet il-kwistjoni, it-trasferiment tal-appartament ma sarx, ghaliex huma rrifjutaw li jkunu partecipi fi ftehim li seta` kien illecitu.

Fejn fl-ispecifiku jirrigwarda Dhalia, inghad illi din gabet ruhha bil-bona fides tant li hallset kull ma kien dovut ghas-saldu. Fil-kaz taghha qatt ma tista` tinsab li ghandha xi haga xi thallas lill-attrici minghandha. Ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Fejn fl-ispecifiku jirrigwarda Ta` Giorni, din kienet involuta biss fit-trasferiment tal-appartament. Fil-fatt irceviet depozitu akkont tal-prezz tal-appartament u Dhalia hallset l-ispejjez tar-registrazzjoni u tal-boll. Il-konvenju ma wassalx ghall-att finali tat-trasferiment u d-depozitu baqa` ghand Ta` Giorni.

Bhala fatt l-attrici qatt ma pprezentat kont finali tal-appalt.

Ghar-rigward tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet talbiet, irrimarkaw li l-konsiderazzjoni taghhom illum huwa ezawrit ghaliex il-konvenju skada u m`ghadux aktar fis-sehh.

Ghar-rigward tar-raba` talba, kien osservat li din hija karenti fis-sostanza taghha ghaliex mhijiex preceduta minn kawzali abbinata maghha u hija generika. Ma hemm ebda ammont specifikat. Inoltre ma hemmx raguni ghalfejn ghandha ssir dikjarazzjoni li qeghda tintalab. B`zieda ma` dan, it-talba ma tghidx min mill-konvenuti gbhandu jkun responsabbli ghall-hlas.

L-ammont huwa specifikat fil-hames talba.

Jissottomettu li fl-ahhar mill-ahhar Dhalia Investments Limited hallset lil Anvil Limited is-somma ta` € 22,000, liema flus ma spiccawx fil-kontijiet taghha, minhabba azzjoni li ghaliha s-socjeta esponenti huma ghal kollox estranji. Ikomplu li anke fil-hames talba s-socjeta rikorrenti ma tghidx ghaliex trid dan l-hlas u ghal xiex jirreferi dan l-ammont ta` € 42,618.30. Jghidu li jekk din il-Qorti tilqa t-talba, iridu jitnaqqsu l-€ 22,000 li diga thallsu lil Anvil Limited.

Fl-ahhar jissottomettu li Anvil Décor Limited, qeghda fil-process li tigi "Struck off" kif jidher minn dokument li annettaw man-nota ta` sottomissjonijiet.

## IV. <u>Risultanzi</u>

### 1. <u>L-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet</u>

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Marzu 2016, fejn kienu michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Ta` Giorni Limited u Dhalia Investments Limited, u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Dunstan Williams noe, il-qorti ghamlet din l-osservazzjoni :

*Fil-kawza tal-lum, is-socjeta` attrici qeghda tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-pretensjoni li l-konvenju kien karpit b`consilium fraudis, li huwa element vitali tal-azzjoni pawljana.*

*Il-qorti qieset is-sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici meta kien spjegat illi l-azzjoni tal-lum tas-socjeta` attrici hija l-azzjoni pawljana, peress li dak li kien qed jigi attakkat huwa l-konvenju li, skont is-socjeta` attrici, sar bi frodi ghall-pregudizzju taghha. Ghall-azzjoni pawljana, il-preskrizzjoni hija dik tat-tletin (30) sena.*

*Il-qorti hija tal-fehma li l-azzjoni attrici hija l-azzjoni pawljana jew revokatorja u ghalhekk il-preskrizzjoni skont id-disposizzjonijiet citati mill-konvenuti mhijiex applikabbli.*

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, is-socjeta` attrici rrimarkat :

*72. Illi mir-rizultanzi processwali rrizulta b`mod car li dan il-konvenju* [u cioe` il-konvenju tas-17 ta` Dicembru 2008] *ma kienx irregistrat u l-propjeta` inbieghet lil terzi ;*

*73. Illi ghalhekk ma ghadx hemm lok li din l-Onorabbli Qorti tippronunzja ruhha fuq it-talbiet* [u cioe` l-ewwel tliet talbiet] *ghax jidher bic-car li dawn it-talbiet illum huma ezawriti ;*

*74. Illi pero` irid jigi deciz min hu ntitolat ghall-flejjes li ghadhom f`idejn is-socjeta` ntimata Ta` Giorni Limited ergo r-raba` u l-hames talba tas-socjeta` attrici.*

Il-qorti rat x`kien deciz fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fl-24 ta` Frar 2016 fil-kawza Rik. Gur. Nru. 85/2011.

Tghid li ghalkemm dik is-sentenza mhijiex gudikat ghaliex jirrizulta li minnha sar appell li ghadu mhuwiex appuntat, il-qorti tista` tiddikjara, anke bl-ezercizzju tal-massima kawtela, illi fir-rigward tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet talbiet, il-perkors ghall-fini ta` din il-kawza huwa konkluz u ezawrit ghal kollox mhux biss ghaliex hekk qed ikun dikjarat mis-socjeta` attrici stess ghalkemm it-talbiet innfushom, presumibbilment ghal ghal ragunijiet ta` determinazzjoni tal-kap tal-ispejjez ma kenitx ceduti, fattwalment huwa kkonfermat li m`ghadhomx aktar attwali ghaliex mhux biss irrizulta li l-konvenju ma` Ertugrul ma baqax fis-sehh izda addirittura l-fond mertu tal-konvenju kien trasferit lil terzi.

**2. <u>Ir-raba` (4) u l-hames (5) talbiet</u>**

Fir-rigward ta` r-raba` u tal-hames talbiet, l-attrici tirrikonoxxi li l-qorti tinsab rinfaccjata b`konflitt ta` verzjonijiet dwar il-fatti.

## a) **<u>Gurisprudenza</u>**

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **<u>Xuereb et vs Gauci et</u>** il-Qorti tal-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet illi :–

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**<u>Bugeja vs Meilak</u>**" – Prim`Awla - 30 ta` Ottubru 2003 ; "**<u>Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa</u>**" – Prim`Awla – 28 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Farrugia vs Farrugia</u>**" – Prim`Awla - 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**<u>Ciantar vs Curmi noe</u>**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma*

*tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" inghad hekk :-

*Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li*

*toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12) …*

*Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ...*

*certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-*

*kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-12 ta` April 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** inghad :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

**b) Il-verzjonijiet**

**Ghar-rigward tas-socjeta` attrici**, qieghed jinghad li l-appalt kien kontrattat maghha.

Tajjeb jinghad li **Palmier** stqarr illi, ghalkemm l-appalt ma` Dhalia kien kontrattat minn Ertugrul ad insaputa tieghu, il-ftehim ma Williams, Erturgul u Ulusoy kien illi meta jsir xoghol minnhom it-tlieta, il-fattura tinhareg dejjem fuq Anvil, sabiex wara li jithallsu l-ispejjez, jircievu l-hlas dovut lilhom.

Dwar il-fatt li parti mill-prezz tal-appalt kellu jithallas bit-trasferiment ta` appartament propjeta` ta` Ta` Giorni, Palmier xehed illi ma kienx bil-konvenju li kien konkluz de proprio.

Cahad li ffirma r-risoluzzjoni li allegatament hija datata 23 ta` Dicembru 2008.

Fis-sostanza taghha, il-verzjoni ta` Palmier issib konferma fix-xiehda tal-Av. Dr. Kevan Azzopardi u ta` Adrian Grech.

**Dr Azzopardi** kkonferma li saret laqgha ma` Palmier u Williams fejn irrizulta li l-appalt kien kontrattat ma` Anvil u li kellha tkun din li tiehu r-rikavat.

Xehed ukoll li kienet saret laqgha ohra din id-darba ma` rapprezentanti ta` Dhalia. Fil-laqgha kien ikkonfermat li l-pagament b`cheques li ghamlet Dhalia fil-kwadru tal-appalt hargu fuq Anvil, u li kien xi hadd mhux maghruf ghal Dhalia zied il-kelma *Décor* wara l-kelma *Anvil* fic-cheques li kienu destinati lil Anvil.

**Adrian Grech** xehed illi l-appalt ta` Dhalia sar ma` Anvil mhux ma` Anvil Décor tant li l-hlas fi flus b`cheques sar favur Anvil.

Id-dettalji tal-appalt saru ma` Ertugrul. Saru jafu b`Palmier hafna zmien wara.

Xehed illi huwa qatt ma ra l-board resolution ta` Anvil u ma kellux kopja taghha fil-file taghhom.

**Min-naha tal-konvenut Ertugrul,** jinghad li Anvil m`ghandha tiehu xejn – lanqas mill-appalt li sar ma` Dhalia.

**Williams** xehed illi Palmier kien jaf bl-appalt.

Ighid illi ghalkemm ittrattaw ma` Dhalia taht il-kappa tas-socjeta` rikorrenti, ma kellhom x`jaqsmu xejn ma` l-attrici.

Dwar ir-risoluzzjoni kkonferma li saret fl-ufficcju ta` Anvil. Kienu prezenti hu, Palmier, Ertugrul u Ulusoy, ghalkemm ma rax lil Palmier jiffirma r-risoluzzjoni.

Dwar ic-cheques ta` Dhalia, xehed illi ma jafx min kiteb *Décor* wara *Anvil* fic-cheques li Dhalia kienet harget favur Anvil. Fl-istess waqt ighid illi sar jaf minghand Ulusoy li dan kien irranga ma` Palmier sabiex ic-cheques jigu depozitati fil-kont ta` Anvil Décor.

Ghal domanda tal-qorti, ikkonferma li Dhalia ttrattat ma` Anvil u li c-cheques hargu fuq Anvil.

**Ulusoy** xehed illi Palmier iffirma r-risoluzzjoni quddiemu.

Stqarr illi kien Palmier illi qallu biex izid il-kelma *Décor* fic-cheques.

Bhal Williams jixhed illi Palmier kien jaf bin-negozju li kien sar ma` Dhalia.

Sahaq li r-rikavat tal-appalt kellu jmur favur Anvil Décor mhux ghand Anvil ghaliex kienu huma li ghamlu x-xoghol.

Ikkonferma li kien hu li kiteb *Décor* wara *Anvil* fic-cheques li kien harget Dhalia, wara li Palmier awtorizzah sabiex jaghmel dan.

**Ertugrul** stqarr illi l-appalt sar fl-isem ta` Anvil ghaliex sa dak iz-zmien Anvil Décor ma kenitx ghadha ffurmata.

Ghal domanda tal-qorti, wiegeb illi jekk ic-cheques ta` Dhalia kienu ntestati fuq Anvil, kien ifisser li Palmier kien involut.

Fl-istess waqt xehed ukoll li kien hemm arrangament bejn Ulusoy u Palmier sabiex wara *Anvil* fic-cheques tinkiteb il-kelma *Décor.*

Qal li ma jiftakarx li kien sar ftehim bejn Anvil u Anvil Décor.

Lanqas ma ftakar li kellhom jithallsu Lm 10 kuljum lil Palmier.

## c) Konsiderazzjonijiet

Il-verzjoni tal-fatti kif prezentata minn Charles Palmier tisboq bil-wisq fuq bazi ta` kredibilita` u verosimiljanza dik prezentata mill-konvenut Ertugrul.

Il-fatti kif prezentati mis-socjeta` attrici huma korraborati minn persuni li xehdu kjarament u huma konfortati b`dokumenti mentri l-fatti kif tressqu mill-konvenut Ertugrul huma kostellati minn provi konfliggenti.

Ma huwa verosimili xejn li min-naha ta` Urtugrul jinghad li z-zieda fic-cheques ta` *Décor* wara *Anvil* saret bl-approvazzjoni ta` Palmier. Jekk Palmier ried li c-cheques intestati lil "Anvil Limited" jigu depozitati f`kont intestat "Anvil Décor Limited", li ried jaghmel kien biss li jiffirma hu c-cheques fuq wara u cioe` jaghmel *endorsement* taghhom u d-depozitu kien isir. Kien att illegali u kontra l-procedura bankarja li jinbidel l-isem tal-payee tac-cheque minn terz bla ma l-persuna li tkun harget ic-cheque tiffirma fuq ic-cheque nnifsu l-bidla fil-payee. Din il-qorti tiskanta kif bil-kontrolli kollha bankarji li kienu jezistu anke fiz-zmien li nhargu c-cheques issir bidla fil-payee daqstant evidenti u minghajr kontrofirma u ghall-bank riceventi jghaddi kollox.

Mhuwiex kredibbli li Palmier accetta ghal Anvil li l-appalt ma` Dhalia jithallas in parte bit-trasferiment ta` appartament minn Ta` Giorni favur Ertugrul de proprio minghajr ma titressaq prova konvincenti li Ertugrul kien se jaghmel tajjeb de proprio favur Anvil ghall-akkwist li kien ser jaghmel hu.

**Fil-kaz tar-raba` talba, l-assjem tal-provi u cirkostanzi ta` dan il-kaz juri li l-attrici rnexxielha taghmel il-prova tas-sussistenza ta` dik it-talba sal-grad rikjest mil-ligi.**

**Ghar-rigward tal-hames talba, il-qorti ma ssibx li din it-talba tregi fil-konfront tal-kumpanniji konvenuti. Tregi biss fil-konfront tal-konvenut Ertugrul.**

Fil-kawza bin-nru 85/2011 li kienet deciza fl-24 ta` Frar 2016 u li minnha sar appell, is-socjeta` attrici ma kenitx parti. Anke jekk l-esitu tad-decizjoni tal-ewwel istanza ikun konfermat fl-appell, u dik id-decizjoni ssir gudikat, tibqa` *res inter alios acta* u ma tikkostitwix stat fil-konfront tal-attrici.

L-ammonti mertu tal-hames talba jirrizultaw mill-kuntratt ta` appalt bejn Anvil u Dhalia. Fil-kuntratt inghad hekk :-

*In this respect the Company undertakes to pay the contractor by the end of January 2009 an initial deposit of € 15,000 which the contractor is hereby authorizing the Company to use in part for the cost of registration of the preliminary agreement and in part as the deposit envisaged in the said preliminary agreement signed between Ahmet Ertugrul personally and "Ta Giorni Limited" earlier on today, relative to property at Ta` Giorni, Saint Julian`s.*

*The balance of the payment due to the Contractor for the Xemxija project will be settled on the completion of the works by the Contractor. The Company reserves the right to hold back the amount of € 27,500 as the 20% deposit due by Ahmet Ertugrul personally as stipulated in the said preliminary agreement.*

Jirrizulta ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li Ertugrul ma kellu l-ebda setgha li jdawwar favur tieghu de proprio flus li kienu destinati lil Anvil.

Jirrizulta li fl-20 ta` Frar 2009, Ta` Giorni rceviet is-somma ta` € 15,118.30 minghand Dhalia *"as per agreement and promise of sale dated 17th December 2008".*

Jirrizulta wkoll li fil-11 ta` Ottubru 2010 Ta` Giorni rceviet is-somma ta` €27,500 minghand Dhalia wkoll *"as per agreement and promise of sale dated 17th December 2008"*

Jirrizulta li l-ammont komplessiv ta` €42,618.30, li kien parti mill-prezz li Dhalia kellha thallas lil Anvil tal-appalt, thallsu bil-kunsens ta` Ertugrul minn Dhalia favur Ta` Giorni sabiex bihom jithallsu l-ispejjez tar-registrazzjoni tal-konvenju kif ukoll parti mill-prezz tal-appartament li kien ser jigi akkwistat minn Ertugrul de proprio.

Tajjeb jinghad illi fil-ftehim ta` bejn Anvil u Anvil Décor, ma kienx hemm miktub biss li l-konvenuti ghandhom ihallsu lil Palmier is-somma ta` Lm 10 kuljum ghall-uzu tal-fabbrika. Hemm ukoll klawsola il-klawsola li tghid : *13. The owner receives a professional fee of € 163 per week for the marketing efforts, irrespective of the sales orders or deals closed.* Ghalhekk il-hlas ta` €163 fil-gimgha kien oltre "*sales orders or deals closed*". Kwindi Anvil kellha tithallas **ukoll** parti mir-rikavat tan-negozju.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet attrici, u dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li baqghu mhux decizi bis-sentenza taghha tat-22 ta` Marzu 2016, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) talbiet attrici.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-kumpanniji konvenuti.**

**Tichad ir-raba` (4) u l-hames (5) talbiet attrici kif dedotti kontra l-kumpanniji konvenuti.**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu tal-konvenut Dunstan Williams noe.**

**Tilqa` r-raba` (4) u l-hames (5) talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Dunstan Williams noe.**

**Tikkundanna lill-konvenut Dunstan Williams noe sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**